

Brussell, 6 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13865/18

ECOFIN 1012
STATIS 71
UEM 345

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar l-Istatistika tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE (6 ta' Novembru 2018)
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE, adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3646 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Novembru 2018 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE

Laqgħa tal-Kunsill AFFARIJJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI

Brussell, 6 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill ECOFIN, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM, u b'kont meħud tal-ħtiġijiet ta' statistika li jirfdu l-governanza ekonomika, il-Kunsill ECOFIN eżamina mill-ġdid il-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), l-istatistika tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) u s-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi, u statistika strutturali.

Ir-rwol ewlieni tal-istatistika uffiċjali Ewropea

Il-Kunsill JAPPREZZA l-priorità mogħtija lill-ħidma dwar l-istatistika dwar il-migrazzjoni, u l-iżviluppi fl-oqsma tal-impjiegi, is-Suq Uniku Diġitali, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, l-ambjent, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-faqar.

Il-Kunsill JILQA' li, fil-kuntest tal-UEM, il-Eurostat ser jevalwa l-ħtiġijiet statistiċi emerġenti relatati.

Il-Kunsill JILQA' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), b'mod partikolari l-enfasi tagħhom fuq il-kwalità, bl-użu ta' sorsi ġodda ta' data, inkluż il-big data, u t-titjib tal-komunikazzjoni mal-utenti.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-investiment fl-infrastruttura tal-istatistika u l-manutenzjoni tagħha fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali sabiex is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tissodisfa l-ħtieġa għal statistika regolari, ta' kwalità għolja u uffiċjali fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE fil-kuntest tal-isfidi li nħolqu mill-globalizzazzjoni u l-avvanzi fit-teknoloġija. Il-Kunsill IFAKKAR fl-

importanza li jiġi minimizzat il-piż fuq dawk li jwieġbu.

Garanzija tal-kwalità tar-riżultati ta' statistika

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li flimkien mal-ħidma dwar il-konformità u l-validazzjoni tad-data, il-Eurostat introduċa qafas għal garanzija msaħħa tal-kwalità u matul is-sena l-oħra nkiseb progress sinifikanti. Il-Kunsill JINNOTA li l-Istati Membri ntalbu jipprovdu lill-Eurostat rapport annwali dwar il-kwalità tad-data trasmessa dwar kontijiet nazzjonali u reġjonali, wara approċċ maqsum fi stadji.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2018 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2018 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JAPPREZZA t-titjib sostanzjali tal-kopertura tal-pajjiż, il-puntwalità, it-tul tas-serje ta' żmien u l-kwalità globali tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (PEEs) matul l-aħħar 10 snin minn mindu l-punti ta' riferiment ambizzjużi ġew stabbiliti fl-2008.

JIRRIKONOXXI t-titjib ulterjuri fil-kopertura ta' pajjiżi ta' xi PEEs u ż-żieda fit-tul tas-serje ta' żmien disponibbli għal statistika trimestrali dwar il-finanzi tal-gvern mill-aħħar rapport 'l hawn.

JAPPREZZA dan it-titjib u jistenna b'interess aktar progress biex jitneħħew il-lakuni li fadal, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli jaħdem lejn l-iżvilupp tal-indikatur tal-bejgħ tad-djar bi frekwenza trimestrali.

JENFASIZZA l-avvanz tal-kontijiet tas-settur taż-żona tal-Euro u d-disseminazzjoni ta' stimi rapidi dwar l-impjiegi għall-UE u ż-żona tal-Euro.

JIEĦU NOTA tal-għan tal-Eurostat li jtejjeb aktar il-puntwalità ta' aggregati Ewropej u jimxi b'mod progressiv lejn stima konsolidata tal-aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali inkluż l-impjiegi qrib t+60 jum fl-2019.

Statistika tal-Proprietà Immobili għal skopijiet makroprudenzjali u oħrajn

Il-Kunsill JENFASIZZA l-interess ġenerali ġġenerat mill-istituzzjonijiet pubbliċi, dawk li jfasslu l-politiki, u l-investituri tas-suq, u b'mod partikolari mill-analisti tal-istabbiltà u s-superviżuri finanzjarji rigward l-indikaturi tal-prezzijiet tal-proprjetà kummerċjali (CPPI), u JILQA' r-rwol tal-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tat-tfassil tar-Rapport dwar l-Istatistika dwar l-Indikaturi tal-Prezzijiet tal-Proprietà Kummerċjali f'Diċembru 2017.

Il-Kunsill JILQA' d-diversi inizjattivi kemm mill-ESS kif ukoll mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) biex isir progress fil-ħidma kunċettwali dwar l-indikaturi tal-proprjetà immobili. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI kemm lill-ESS kif ukoll lis-SEBĊ biex jattribwixxu l-importanza u l-urġenza neċessarji lil din il-kwistjoni.

Il-Kunsill JILQA' l-ħolqien ta' Task Force dwar l-Indikaturi tal-Proprietà Immobili Kummerċjali biex tkompli bil-ħidma dwar l-iżvilupp ta' indikaturi bħal dawn fi ħdan l-ESS, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, u JIEĦU NOTA tal-organizzazzjoni mill-Kummissjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar l-Istatistika dwar il-Proprietà Immobili li ser issir fi Frar 2019 fil-Lussemburgu. Il-Kunsill JILQA' wkoll il-progress tat-Task Force tas-SEBĊ dwar indikaturi dwar il-finanzjament tal-proprjetà immobili;

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ġbir regolari ta' indikaturi disponibbli tal-bejgħ tad-djar annwali u trimestrali fuq bażi volontarja, u JILQA' l-fatt li tfasslet deskrizzjoni ta' kwistjonijiet miftuħa kunċettwali u metodoloġiċi mill-Eurostat u li għet aġġornata bis-saħħa ta' kontributi mill-Istati Membri. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tkompli bid-diskussjoni fl-2018, u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jibagħtu l-informazzjoni disponibbli jekk din għadha ma għetx ipprovduta.

Statistika dwar il-finanzi tal-Gvern u l-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħidma tal-Kummissjoni biex tipprovdi servizz tal-istatistika ta' kwalità għolja fil-qasam tal-istatistika dwar il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) u l-istatistika sottostanti dwar il-finanzi tal-gvern tal-Istati Membri, sabiex jiġu mmonitorjati, implimentati u żviluppati politiki ekonomiċi tal-Komunità u b'mod partikolari l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Pjan ta' Investiment tal-Kummissjoni għall-Ewropa. Il-Kunsill JAPPELLA lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-data statistika meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż data dwar id-dħul tal-gvern mill-fondi tal-UE tiġi rrapportata lill-Eurostat.

Il-Kunsill JILQA' l-progress fl-introduzzjoni tal-bidliet metodoloġiċi b'mod strutturat u skedat dwar il-proċeduri l-ġodda rigward il-gwida l-għdida. Fl-istess ħin, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni (Eurostat) sabiex tapplika l-proċeduri l-ġodda b'mod aktar strett. Barra minn hekk, il-Kunsill IFAKKAR fil-ħtieġa li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lir-restrizzjonijiet fiż-żmien u r-riżorsi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-gwida u l-punti ta' azzjoni li jirriżultaw minn Żjarat ta' Djalogu tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv.

Statistika dwar Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li huwa importanti li l-istatistika sottostanti għall-MIP tibqa' adatta għal dan il-kuntest politiku rilevanti ħafna fejn jiġu identifikati l-iżbilanċi u mmonitorjat il-progress tal-pajjiżi abbażi tal-aħjar kwalità tad-data possibbli.

Il-Kunsill JILQA' l-progress dwar il-garanzija tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JIRRIKONOXXI l-passi meħuda mill-Eurostat u d-Direttorat Ġenerali tal-Istatistika tal-BĊE, biex jiġi implimentat il-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

Statistika soċjali

Il-Kunsill JILQA' l-progress fil-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali, b'mod partikolari l-kontribut tagħha lit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi tipprovdi data dwar firxa kbira ta' indikaturi.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA li l-pjan biex tiġi mmodernizzata l-istatistika dwar il-popolazzjoni qed jiġi kkonsolidat, u li jinkludi strateġija mġedda għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar wara ċ-ċensiment tal-2021 u għad-data dwar id-demografija.

Il-Kunsill JAPPREZZA t-titjib fl-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol, li huwa s-sors ewlieni tal-istatistika għall-karatteristiċi strutturali tas-suq tax-xogħol, u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tkompli bir-rieżami komprensiv. Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li sabiex titjieb il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli dwar id-domanda tax-xogħol, huwa importanti wkoll li jiġi armonizzat aktar l-ambitu tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol battala.

Globalizzazzjoni

Il-Kunsill JIRRIKONNOXXI l-ħidma li saret biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-globalizzazzjoni għall-istatistika, inkluż l-attivitajiet biex tinftiehem u titkejjel aħjar l-istruttura u l-attività ta' impriżi multinazzjonali (tfassil ta' profil), u JILQA' l-istabbiliment ta' sistema ta' twissija bikrija dwar operazzjonijiet ta' ristrutturar ta' intrapriżi multinazzjonali, kif ukoll it-titjib fir-Reġistru tal-EuroGroups. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti bejn il-kompilaturi tal-istatistika.

Għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli

Il-Kunsill JILQA' l-ħidma kontinwa għall-arrikkiment tas-settijiet tad-data li jirfdu l-istrateġija Ewropa 2020 u tittejjeb id-disseminazzjoni puntwali u xierqa tagħhom. Huwa JIEĦU NOTA li l-indikaturi ewlenin kollha tal-Ewropa 2020 ġew inklużi fis-sett ta' indikaturi għall-monitoraġġ regolari tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs) fil-kuntest tal-UE. Il-Kunsill JILQA' l-pubblikazzjoni tar-Rapporti ta' Monitoraġġ tal-SDG, kif mitlub mill-Kunsill.

Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ħidma teknika li għaddejja fl-2018 dwar l-iżvilupp tal-istandards u l-qafas tal-Istandards għall-Kontabbiltà tas-Settur Pubbliku Ewropew (EPSAS), flimkien ma' miżuri ta' appoġġ biex tizzied il-maturità tal-kontabbiltà tas-settur pubbliku fl-Istati Membri tal-UE, kif ukoll tal-enfasi li qed issir fuq l-impenn ta' awtoritajiet lokali u reġjonali fid-diskussjonijiet dwar l-EPSAS, u JIEĦU NOTA tal-ħidma li għaddejja dwar l-impatt potenzjali tal-EPSAS.